PDF Compressor Pro



Uħud minn dawk li ngħataw l-Onorifiċenza Ġieħ il-Belt Victoria, f'ritratt tal-okkażjoni, flimkien mas-Sindku u l-membri tal-Kunsill Lokali

Għoti ta' Onorifiċenza lil diversi misjunarji mill-Belt Victoria

Fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjonijiet marbuta mal-Anniversarju tal-125 Sena bħala Belt Victoria, il-Kunsill Lokali ta Gieħ il-Belt Victoria lil diversi missjunarji mill-Belt Victoria, waqt ċerimonja fil-Librerija Pubblika ta' Triq Vajringa, Victoria. Kien hemm mumenti ta' daqq fuq il-Vjolin mill-aħwa Pierre Louis u Jean Attard u għal xi ħin akkumpanjati wkoll fuq il-pjanu minn missierhom, Mro. Colin Attard. Is-Sindku l-Avukat Samuel Azzopardi għamel diskors tal-okkażjoni.

Għas-serata kien hemm preżenti l-Kunsillieri kollha tal-Kunsill Lokali Victoria flimkien ma' familjari u ħbieb tal-missjunarji.

Dawk li ngħataw l-Onorifiċenza Gieħ il-Belt Victoria, huma, **Dun Ġorġ Grima** li waqqaf il-Moviment Missjunarju "Ġesu' fil-Proxxmu" u minn dakinhar beda l-ħidma tiegħu fil-kontinent Afrikan.

Barra f'Malta, illum il-Moviment Missjunarju "Ġesu' fil-Proxxmu" jinsab fil-Brażil, l-Ethiopja, l-Kenya, l-Italja, f'Ġibilta u fl-Amerika. Bħalissa qed jiċċelebra il-25 sena mittwaqqif ta' dan il-Moviment.

Dun Ġorġ Grima kiteb bil-Protugiż żewġ kotba, wieħed jismu **Dialogo Com Deus** u ieħor **O Amor De Madre Teresa De Calcutta**.

Fr Adeodat Schembri, Agostinjan li ilu l-Brażil 36 sena u għamel tmien snin Malta bħala Provinċjal. Bħalissa jinsab fil-paroċċa ta' Santa Rita ġo San Paolo; parroċċa ta' 94 elf ruħ li 24 elf minnhom jgħixu ġos-*slums*. Patri Adeodat flimkien ma sħabu qed jaħdmu fost il-foqra.

Fr Anton Grech fis-sena li sar saċerdot, jiġifieri fl-1997, mar il-Guatemala, l-Amerika Ċentrali biex jagħmel xogħol ta' missjunarju f'parroċċa jisimha JALAPA. Bena *fish-farm* kbira, skola Primarja u Sekondarja u Ċentru Parrokkjali kbir għaż-żgħażagħ. Ta' kuljum kien jitma numru kbir ta' fqar fiċ-Ċentru Parrokkjali. Xi sentejn ilu huwa ġie trasferit f'Parroċċa kbira ħafna fir-*Rain Forest area* fejn tagħmel ix-xita kuljum u sħana kbira. Hawn qed jibni Knisja kbira, ċentru għaż-żgħażagħ u *fish-farm* oħra. Idur mat-tletin villaġġ biex jilħaq in-nies fqar f'villaġġi remoti ġol-muntanji.

Patri George Attard OFM Conv. fil-1983, intbagħat fil-Missjoni li l-Ordni kien fetaħ fl-Indja fejn kien l-ewwel għalliem tan-Novizzi fil-Missjoni. Kemm dam fil-missjoni wettaq diversi xogħlijiet fosthom Segretarju tal-Missjoni, *Accountant* u Għalliem. Kemm dam hemm huwa studja il-lingwa Malayalam, il-lingwa tal-post. Patri George Attard illum qed jaqdi fil-Kunvent ta' San Franġisk, fir-Rabat Għawdex.

Patri Peter Paul Cachia, Agostinjan. Fl-1979 intbgħat fil-missjoni Agostinjana ta' Hippona fl-Alġerija fejn għex ma' din il-Knisja u ma' dan il-Poplu Musulman. Dsatax-il sena wara fl-1998 ġie msejjaħ biex jgħin fil-Missjoni tal-Brażil u għex il-ħajja komunitarja u missjunarja ma' sħabu Maltin f'din l-art ta' '*Santa Crux*'.

Swor Josepha Gauci hija soru Franġiskana tal-Qalb ta' Ġesù. Fil-1969 daħlet soru. Wara li pprofessjonat ġiet mibgħuta l-Ethopia fejn ħadmet bħala għalliema għal tliet snin. Wara ġiet mibgħuta l-Awstralja fejn ħadmet bħala għalliema u anke bħala Prinċipal ta' skola Primarja.

Wara seba' snin l-Awstralja ġiet assenjata r-Rabat Għawdex fejn ħadet ħsieb in-Novizzi u l-Postulanti. Imbagħad fis-sena 1994 ġiet mibgħuta mill-ġdid l-Afrika bħala Superjura Reġjonali tal-komunitajiet tas-Sorijiet fir-Reġjun Ethopia/Kenya. Ilha missjunarja, 18-il sena.



Waqt iċ-ċerimonja fil-Librerija Pubblika ta' Triq Vajringa.

MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





Mons. George Tabone mir-Rabat, Għawdex (xellug) jidher jirċievi Ġieħ il-Belt Victoria, għan-nom tal-għażiża oħtu Swor. Marcellina Tabone, li temmet ħajjitha billi ġiet maqtula f'Mirpurkhas, il-Pakistan waqt it-twettiq ta' dmirijietha. Antonjetta twieldet ir-Rabat, Għawdex fis-6 ta' Jannar 1947 fil-familja ta' Ġanni u Ġużeppa mwielda Vassallo.

Toqgħod Nairobi fejn hemm dar tal-Formazzjoni fejn jiġu ttrenjati tfajliet li spiċċaw l-iskola Sekondarja u li l-Mulej qiegħed isejħilhom biex isiru Sorijiet.

F'Nairobi hemm Ċentru tat-tfal tat-triq, fejn madwar 180 tfal imorru kuljum, biex jingħataw edukazzjoni bażika u platt sħun kuljum f'nofs innhar, li ħafna drabi jkun l-uniku ikel li jkollhom matul il-ġurnata.

Swor. Marcellina Tabone. F'Mejju 1968 marret il-Pakistan u ħadmet f'Mirpurkhas għal madwar 20 sena, bosta minnhom bħala superjura lokali. Fil-1988 ġiet imsejħa lejn Gulshan-E-Iqbal, fejn ħadmet bħala superjura reġjonali. Fil-1994 reġgħet marret Mirpurkhas bħala superjura lokali fejn laqgħet is-sejħa tal-Mulej biex tingħaqad miegħu għal dejjem fit-28 ta' Ġunju 1997.

Temmet ħajjitha billi ġiet maqtula waqt it-twettiq ta' dmirijietha. Il-Beatu Papa Ġwanni Pawlu II fis-sena tal-Ġublew il-Kbir semmiha mal-lista tal-martri tas-seklu.

Swor Victoria Muscat hija soru membru tal-kongregazzjoni iddedikata lil Madonna uffiċjalment magħrufa bħala Missjunarji tal-Karità jew kif popolarment magħrufa Sorijiet ta' Madre Theresa ta' Calcutta.

Hija ilha membru ta' din il-kongrezzjoni bħala missjunarja sa mill-bidu tas-sena 1961.Hija bdiet il-missjoni tagħha bħala missjunarja fl-Indja u kienet isservi fl-istess dar ta' Madre Theresa ta' Calcutta. Il-missjoni prinċipali tagħha kienet li twassal il-messaġġ ta' Kristu permezz tal-ftuħ ta' diversi djar ġodda fosthom fl-Ingilterra, l-Awstralja u l-Filippini. Hija ilha missjunarja 51 sena u illum tinsab ġewwa Ruma.

Bro Mario Zammit, l-uniku Frere Għawdxi f'dawn l-aħħar 90 sena. Qatta l-biċċa l-kbira ta' ħajtu jgħallem Malta. Għal numru ta' snin kien id-Direttur tal-Kulleġġ Stella Maris, Gżira. Għamel żmien ukoll l-Provinċjal tal-Freres f'Malta. Kull meta s-Superjuri ppermettewlu huwa dejjem ħa l-opportunità biex jaħdem f'artijiet tal-Missjoni. Ħadem fin-Niġerja, fil-Pakistan, fl-Indonesja u issa qiegħed jgħallem fit-Tajlandja.

Patri Joseph Mizzi, Giżwita, fl-1977 beda jgħallem il-Matematika fil-Kajr fl-Eġittu u laħaq Kap ta' l-iskola tal-Giżwiti f'Minia fl-Eġittu.

Fl-India għamel in-novizjat bejn April u Ottubru tal-1983. Bejn l-1988 u l-1999 kien Superjur fil-Komunità tal-Giżwiti f'Minia. Barra l-istudji tiegħu, ħadem fil-kamp Soċjali f'Armant qrib Luxor.

Fl-2006 beda jgħallem fil-*Holy Family College* fil-Kajr bejn l-2006 u l-2009 kien Prefett tal-istudji u mbagħad laħaq Rettur tal-istess Kulleġġ. Fl-2008 sar Delegat tal-Provinċja tal-Giżwiti għall-Eġittu.



Waqt iċ-ċelebrazzjoni ta' Ġieħ il-Belt Victoria, marbuta ma' l-Anniversarju tal-125 sena bħala Belt Victoria. Jidhru l-aħwa Pierre Louis (xellug) u Jean Attard waqt il-kunċert tagħhom fuq il-Vjolin.